jixxengel
iserrep imbellah bejn l-erbat irjieħ
b'idu merfugħa
ifittex
jissemma'
għas-sejħa tat-tnabar
li tiġri warajh
iddamdam u tidwi
mal-polz merfugħ
f'widnejh
maħrub
iħabbat...

**JANE CORTIS**

## F'JUM L-IMWIET

F'jum l-imwiet it-tokki mriegħda
U r-riħ jingħi fiċ-ċipress jitbandal
Jiksru l-ħemda. Il-bniedem ma fehemx
Li mhix it-tmiem tal-ħajja l-mewt 'ma l-bidu....
Għax kieku n-nisa bl-iswed imkeffnin
Ma jxerrdux dmugħ il-ħniena
U jinfnew bil-ħasra.
Irrid nara f'jum il-mewt
Għid kbir ta' ferħ.
F'xemx ħamra mdewba,
In-nisa mżejnin bl-abjad
Igħannu u jitbandlu
Mad-daqq mgħaġġel tal-kitarri,
U jdommu waħda waħda l-ġiżimin
Irrid bħal dak in-nhar snin ilu nara
Il-mewt mirbuħa u l-bidu tal-ħajja
Fil-qawmien.

**J. J. CAMILLERI**

# "Taħt Tliet Saltniet"

# IL-QAWWA TAR-RUMANZ FIL-KUNTRAST BEJN IL-KARATTRI

**— MIRIAM ZARB —**

"TAHT TLIET SALTNIET" rumanz imżewwaq b'folklore, ele-
ment reliġjuż, storiku u soċjali mhux nieqes mill-kuntrasti bejn il-
karattri li jixhdu l-varjetà u l-imġieba bejn il-klassijiet ta' dawk
iż-żmenijiet. Hekk insibu karattri nobbli, kavallieri, foqra, bdiewa,
ilsiera kif ukoll karattri kosmopolitani — Lhud u Griegi.

In-nobbiltà għal Alessandru Habela, l-iben waħdieni ta' waħda
mill-iżjed familji nobbli Maltin, ma tfissirx il-lussu, it-titoli u ideat
qodma iżda n-nobbiltà tinsab f'dawk inqas minnu, il-foqra u n-nies
tar-raba li bl-għaraq ta' ġbinhom u l-bżulija jaħdmu l-art għall-għajxien
ta' kuljum. Lil Pawlina kien igħidilha "Niesek, ħanina, aktar
nobbli minn niesi għax nisilhom hu eqdem. Li ma kinux niesek l-
ewwel kieku ma kienx ikunu niesi. L-akbar nies tad-dinja kienu u
jibqgħu l-ħaddiema ta' l-art." Din l-attitudni ta' mħabba u qima għall-
ħaddiem narawha meta jgħin moralment u materjalment lil min kien
maħqur u fqir — iħenn għal bidwi fqir li mar għandu biex iħa las
il-qbiela; għal Pina ta' Vangu li nofsha mejta laqagħha f'daru u dar
biha sa ma mietet; għal ulied din l-armla fqira; għal Lhudi Ebenezer
li l-folla kienet sa tħaġġru; għall-għama magħkus u fqir, maħrub
minn kulħadd; u għal ħafna nisa u rġiel żgħażagħ u miżżewġa li
lilhom qassam ġidu għax Alessandru kien tal-fehma li lill-fqir mhux
biżżejjed tfarrġu bil-kelma t-tajba biss imma min hu bil-ġuħ u bi-
għatx agħtih x'jiekol u x'jixrob.

Barra l-imħabba għall-fqir Alessandru kellu l-imħabba għal Paw-
lina, bint ir-raba u bint il-faqar. Hu għex għaliha u saħansitra tkeċċa
mill-palazz t'ommu minħabba fiha u telaq il-klassi privileġġata li
twieled fiha biex seta' jinżel għal-livell tagħha ta' bidwi li kellu jaħ-
dem biex jaqla' ħobżu. Naraw l-imħabba għal Art Twelidu meta jie-
ħu sehem attiv fil-konfoffa kontra l-Ordni u wara l-istess Franċiżi li
kien ħadem għalihom biex ġew hawn Malta u l-imħabba għal Mikiel
Anton Vassalli li għalih kien bħal torċa kbira li kienet tixħet dawl
qawwi fuq id-dlam ta' żmenijietu. Iżda l-akbar u l-aqwa mħabba kie-
net għal Kristu. Alessandru ried igħix fi Kristu billi jagħmel il-ġid